FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 07 TA' APRIL 2017

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri
Spettur Jonathan Ransley
Spettur Kurt Zahra

vs

Amirani Gazdeliani

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' nazzjonalita Georgjana u detentur ta' karta tal-identita' Georgjana 0416123 u numru personali 27001002401 akkuzat talli:

1. fl-24 ta' Jannar 2015, ghall-habta ta'bejn id-21.00 hrs u 23.30 hrs flimkien ma persuna/i ohra minn gewwa l-appartament bin-numru 8 fil-blokka bl-isem ta' Stanbridge Court li tinsab fi Triq il-Kbira Sliema, ikkommetta serq ta' gojjellerija u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu €2,329.37 bil-mezz, bil-lok u bil-hin u dan ghad-detriment tal-familja Parnis u/jew persuna jew persuni ohra;
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kas ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269 u 279(1) u l-Artikoli 49 , 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Tikkundanna l-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tikkundannah l-ispejjez tal-kawza fl-ammont ta' €3420.

A.M. Trigona

Magistrat